**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2016

Rikors Nru : 192/15 AL

**AB**

**-vs-**

**Dr Mark Mifsud Cutajar u il-PL Mario Mifsud Bonnici nominateib'digriet tas-27 ta' Mejju 2015 bhala kuraturi deputati in rapprezentanza ta' l-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru elfejn u hamsa (2005) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok DS 1;

Illi l-partijiet damu biss kwazi tlett xhur jghixu flimkien u ilhom separate *de facto* ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi frott ta' dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied;

Illi r-rikorrent jiddikjara li ma hemm l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati mis-sena elfejn u sitta (2006) u ghalhekk ghal aktar minn erba' (4) snin u qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum l-esponent ghandu hajja totalment separata. Tant hu hekk, li sa' fejn jaf ir-rikorrent l-istess intimata tghix gewwa ic-Cina;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

Illi t-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli u ma tistax tigi akkolta fuq punt ta' dritt;

Illi ebda manteniment m'hu qed jithallas;

Illi fuq punt ta' fatt l-esponenti mhux edotti mill-fatti u jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Gunju 2015;

Semghet lill-kuraturi deputati jiddikjaraw illi qeghdin jirrimettu ruhhom ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2006 u illi l-intimata telqet minn Malta u tinsab ic-Cina;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.